

Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-ghajjnuna mill-Istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 124/04)

Nru tal-ghajjnuna: XA 64/2009

Stat Membru: Il-Latvja

Reġjun: —

Titlu tal-iskema tal-ghajjnuna jew isem tal-impriża li qed tirċievi l-ghajjnuna individwali: 'Atbalsts ciltsdarbam'.

Bażi legali: Anness 2 għall-abbozz tar-Regolament tal-Kabinett 'Noteikumi par ikgadējo valsts atbalstu lauksaimniecībai un tā piešķiršanas kārtību'.

Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew ammont globali tal-ghajjnuna individwali mogħtija lill-impriża: In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema hija ta' LVL 15 000 000.

Intensità massima tal-ghajjnuna:

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament 1857/2006:

- 1) ghajjnuna b'rata sa 100 % sabiex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi tal-istabbiliment u ż-żamma ta' reġistru tal-merħla;
- 2) ghajjnuna b'rata sa 70 % tal-ispejjeż tat-testijiet li jsiru minn jew fisem partijiet terzi, sabiex tiġi determinata l-kwalità ġenetika jew ir-rendiment tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni ta' kontrolli magħmula minn sid il-bhejjem u l-kontrolli ta' rutina għall-kwalità tal-ħalib;
- 3) sal-31 ta' Diċembru 2011, l-ghajjnuna b'rata sa 40 % għall-introduzzjoni fuq il-livell tal-irziezet ta' Prattiki jew metodi innovattivi tat-tgħammir tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż marbuta mal-inseminazzjoni artifiċjali;
- 4) ghajjnuna b'rata sa 100 % tal-ispejjeż għat-tneħħija tal-bhejjem mejta, u 75 % tal-ispejjeż għall-qerda ta' dawn il-karkassi.

Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament 1857/2006:

- 1) sa 100 % tan-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni ta', u l-parteċipazzjoni, f'kompetizzjonijiet, esibizzjonijiet, fieri u fora bil-ħsieb ta' skambju ta' tagħrif fis-settur.

Data ta' implimentazzjoni: 16 ta' Marzu 2009

Tul ta' żmien tal-iskema jew għotja tal-ghajjnuna individwali:

Sal-31 ta' Diċembru 2013.

Sal-31 ta' Diċembru 2011 fil-każ ta' ghajjnuna marbuta mal-introduzzjoni fuq il-livell tal-irziezet ta' metodi jew Prattiki innovattivi tat-tgħammir tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni tan-nefqa marbuta mal-inseminazzjoni artifiċjali.

Għan tal-ghajjnuna:

L-għan tal-ghajjnuna għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju huwa:

- sabiex min irabbi l-bhejjem jiġi mħeġġeġ ġiehu sehem fl-evalwazzjoni tal-bhejjem riproduttivi abbażi tal-frieħ u fil-programmi oħra ta' selezzjoni;
- sabiex jiżdied ir-rendiment tal-bhejjem u jittejjeb il-potenzjal ġenetiku, u jiżdied l-għadd ta' merħliet ta' valur riproduttiv għoli;
- sabiex jiġu stabbiliti reġistri tar-rendiment tal-bhejjem u l-oriġini u jittejjeb is-softwer marbut mal-attivitajiet tat-tgħammir u l-programmi tal-għażla tal-annimali bl-użu ta' netwerk komuni tal-IT;
- sabiex jiġu modernizzati t-teknoloġiji għall-valutazzjoni tar-rendiment tal-bhejjem u l-kwalità tal-laħam;
- sabiex min irabbi l-bhejjem jiġi mħeġġeġ irabbi annimali ta' valur riproduttiv għoli u jtejjeb il-karatteristiċi tat-tgħammir tagħhom;
- sabiex jinżammu u jittejbu l-annimali tar-razza pura u r-riżorsi ġenetiċi tagħhom fil-Latvja;
- sabiex isiru evalwazzjonijiet tal-annimali tar-razza pura u jiġu organizzati wirjiet u testijiet/kompetizzjonijiet dwar il-kapaċità ta' ħidma għaż-żwiemel.

Japplikaw l-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

Nefqa eliġibbli skont il-kriterji għall-għoti tal-ghajjnuna:

1. spejjeż amministrattivi mġarriba mill-istabbiliment u ż-żamma tar-reġistri tal-merħliet;
2. nefqa tat-testijiet li jsiru minn, jew fisem partijiet terzi, sabiex tiġi determinata l-kwalità ġenetika jew ir-rendiment tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni ta' kontrolli magħmula minn sid il-bhejjem u l-kontrolli ta' rutina tal-kwalità tal-ħalib;
3. nefqa marbuta mal-introduzzjoni fuq il-livell tal-irziezet ta' Prattiki jew metodi innovattivi tat-tgħammir tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni tan-nefqa marbuta mal-introduzzjoni jew il-pres-tazzjoni tal-inseminazzjoni artifiċjali;
4. nefqa marbuta mal-organizzazzjoni ta', u l-parteċipazzjoni, f'kompetizzjonijiet, esibizzjonijiet, fieri u fora bil-ħsieb ta' skambju ta' tagħrif fis-settur.

Settur(i) konċernat(i):

L-ghajjnuna hija intenzjonata għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju involuti fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli.

L-ghajjnuna hija intenzjonata għas-settur tal-produzzjoni tal-annimali.

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:

Zemkopības ministrija
Rīga 10.03.2009.
Latvijas Republikas Zemkopības ministrija
Rīga, LV-1981
LATVIJA

Sit elettroniku:

Anness 2 għall-abbozz tar-Regolament tal-Kabinett 'Noteikumi par ikgadējo valsts atbalstu lauksaimniecībai un tā piešķiršanas kārtību' fuq: <http://www.zm.gov.lv/index.php?sadala=1546&id=8055>

Tagħrif ieħor:

Din l-iskema tal-ghajjnuna se tieħu post l-iskema tal-ghajjnuna XA 150/2008 (pubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 222, 30.08.2009, pg. 8).

L-emendi għall-programm huma bbażati fuq il-kriterju li l-ghajjnuna fil-forma ta' servizzi ssusidjati għad-determinazzjoni tal-kwalità ġenetika tal-bhejjem se tingħata biss għall-baqar li r-rendiment tal-ħalib tagħhom matul l-aħħar perjodu standard tat-treddiġh kien tal-inqas 5 000 kg, jew tal-inqas 4 000 kg fil-każ tal-biedja organika.

L-iskema tal-ghajjnuna se tiżgura li n-nefqa hija koperta għall-ispejjeż amministrattivi involuti fl-istabbiliment ta' reġistru tal-merħla u d-determinazzjoni tal-kwalità ġenetika tal-bhejjem fis-setturi tat-trobbija rilevanti.

Ghajjnuna għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli se tingħata skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 għall-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE lill-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001: l-ghajjnuna se tingħata fil-forma ta' servizzi ssusidjati u mhux se tinvolvi pagamenti diretti ta' flus lill-produtturi, u l-ghajjnuna mhijiex se tingħata wara l-attività b'rispett tal-attivitajiet li diġà saru mill-benefiċjarju.

Hawnhekk aħna nikkonfermaw li l-ghajjnuna mhijiex se tingħata wara l-attività, għaliex l-iskema rilevanti intitolata 'ghajjnuna għall-attivitajiet tat-tgħammir' (Nru tas-Sommarju XA 150/2008, ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea Nru C 222, 30.08.2008, pg. 8) fiha wkoll kapitolu dwar Ghajjnuna għall-ġbir, it-trasportazzjoni, l-ipproċessar u l-qerda tal-karkassi tal-annimali. L-iskema tal-ghajjnuna nru XA 150/2008 tibqa' fis-seħħ sakemm din l-iskema (Nru provi-

zorju tal-iskema 22786) tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni ta', jew parteċipazzjoni, f'kompetizzjonijiet, esibizzjonijiet, fieri u fora bil-ħsieb ta' skambju ta' tagħrif fis-settur se ssir skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001, u l-ghajjnuna se tkun aċċessibbli għal dawk kollha eliġibbli fil-qasam konċernat, abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv.

It-tqassim ipplanat f'sottomiżuri tal-baġit tal-iskema tal-ghajjnuna huwa kif ġej:

— ghajjnuna għall-iżvilupp tat-trobbija tal-bhejjem – LVL 14 000 000;

— ghajjnuna għall-ġbir, it-trasportazzjoni, l-ipproċessar u l-qerda tal-karkassi – LVL 1 000 000;

Ghajjnuna għall-iżvilupp tat-trobbija tal-bhejjem se tingħata lil madwar 10 fornituri tas-servizz (organizzazzjonijiet tat-tgħammir tar-razza pura, u s-servizzi se jiġu pprovduti lil madwar 10 000 bidwi.

L-ghajjnuna għall-ġbir, it-trasportazzjoni, l-ipproċessar u l-qerda tal-karkassi tal-annimali se tingħata lil tliet fornituri tas-servizz.

Nru tal-ghajjnuna: XA 455/2008

Stat Membru: Ċipru

Reġjun: Ċipru

Titlu tal-iskema tal-ghajjnuna jew isem l-impriża li qed tirċievi l-ghajjnuna individwali: Προγράμματα εκρίζωσης και επιτήρησης Βρουκέλωσης Βοοειδών και Αιγοπροβάτων.

Bażi legali:

1. Άρθρο 03525 του Προϋπολογισμού για το 2009 – Συμμετοχή σε Προγράμματα της Ευρωπαϊκής Ένωσης.
2. Ο περί της Εφαρμογής Κοινοτικών Κανονισμών στον Τομέα της Κτηνιατρικής Νόμος του 2004 (N 149(Ι)/2004)
3. Νόμος που προνοεί για την Υγεία των Ζώων (N.109(Ι)2001)
4. Απόφαση Εφόρου Ελέγχου Κρατικών Ενισχύσεων με αριθμό 305 και ημερομηνία 31 Δεκεμβρίου 2008 (Επίσημη Εφημερίδα της Κυπριακής Δημοκρατίας με αριθμό 4339 και ημερομηνία 16 Ιανουαρίου 2009 σ. 156)

Nefqa annwali pplanata skont l-iskema jew l-ammont totali tal-ghajjnuna individwali mogħtija lill-kumpanija: EUR 0.46 miljun

Intensità massima tal-ghajjnuna: 100,00 %

Data tal-implimentazzjoni: Il-programm se jkun implimentat biss wara li l-Kummissjoni Ewropea tippubblikah skont ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għotja tal-għajnuna individwali: Sal-31/12/2009

Għan tal-għajnuna: Mard tal-annimali (Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006). L-iskema tikkonċerna: (i) għajnuna ta' kumpens lill-bdiewa għall-ispejjeż ta' prevenzjoni u qerda tal-mard tal-annimali (Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006) u (ii) għajnuna ta' kumpens lill-bdiewa għat-telf ikkawżat mill-mard tal-annimali (Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006).

Settur(i) konċernat(i):

Kodiċi NACE,

A10401— It-trobbija tal-baqar,

A10405— It-trobbija tan-nagħaġ u l-mogħoż,

A10407— It-trobbija tat-tjur,

Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:

Veterinary Services
Ministry of Agriculture, Natural Resources and Environment
Athalassa
1417 Nicosia
CYPRUS

Sit elettroniku:

http://www.moa.gov.cy/moa/vs/vs.nsf/DMLinfo_gr/DMLinfo_gr?OpenDocument

[http://www.publicaid.gov.cy/publicaid/publicaid.nsf/All/8C33E1F6FE7EC4C0C2257545002A533E/\\$file/Απόφαση%20Αρ.%20305.pdf](http://www.publicaid.gov.cy/publicaid/publicaid.nsf/All/8C33E1F6FE7EC4C0C2257545002A533E/$file/Απόφαση%20Αρ.%20305.pdf)

Tagħrif ieħor: L-għan ta' din l-għajnuna huwa l-implimentazzjoni tal-programmi ta' qerda u monitoraġġ tal-bruċellożi bovina, ovina u kaprina, skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Komunitarja (Direttiva 64/432/KEE - annimali bovini, Direttiva 91/68/KEE - nagħaġ u mogħoż). Il-mard huwa inkluż fil-lista tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE (lista tal-mard li jista' jirċievi l-kofinanzjament). In-nefqa ppjanata għall-2009 għall-programmi ta' qerda u monitoraġġ tal-bruċellożi bovina, ovina u kaprina għet innotifikata lill-Kummissjoni Ewropea skont il-programmi ta' kofinanzjament. Il-benefiċjarji tal-għajnuna taħt din il-miżura huma l-bdiewa tal-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż fiż-żoni kkontrollati mir-Repubblika ta' Ċipru. Taħt il-programm tal-qerda tal-bruċellożi, l-għajnuna se titħallas lill-bdiewa tal-bhejjem li fuq l-art tagħhom hija ssuspettata jew konfermata l-marda. Il-programm ta' monitoraġġ tal-bruċellożi se jinkludi l-ġbir u l-ittestjar fil-laboratorju tal-kampjuni mill-irziezet kollha tal-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż.